**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI GŻIRA**

**SEDUTA NUMRU ~~29~~ 29 tas-Seba Leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Gżira**

**It-Tlieta 18 t' Ottubru 2016 fil-5.30PM fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali.**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| Conrad Borg Manche | SINDKU |
| Ralph Mangion | VICI –SINDKU |
| Joe Galea | KUNSILLIER |
| Neville Chetcuti | KUNSILLIER |
| Wayne Hewitt | KUNSILLIER |
| Graziella Schembri | KUNSILLIER |
| Jeremy Cardona | KUNSILLIER |
| Anthony Attard | SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

1. Is-Sindku qal it-talba.
2. Il-Minuti tal-laqgħa preċedenti ġew ikkorreġuti u approvati mill-kunsilliera. Is-Sur Galea rringrazzja lill-kunsilliera tal-ħsieb tagħhom peress illi kien qiegħed l-isptar waqt l-aħħar laqgħa, u rringazzjahom ukoll talli kien skużat.

**3. Laqgħa mal-Accountants**

3.1 Is-Sur Chris Pace u s-sur Rowen Bonello, rapprezentanti tal-kumpanija GMM Business Solutions, kienu mistednin għal-laqgħa biex jagħtu l-updates tagħhom rigward l-accounts tal-Kunsill bejn Jannar u Settembru 2016. Is-Sindku qal illi għandna naqbzu it-tieni punt fl-Aġenda biex niddiskutu punt 3 peress illi kienu diġa preżenti l-accountants. Il-kunsilliera qablu.

3.2 Is-sur Pace qal illi minn Jannar sa Settembru kien hemm surplus ta' €21,000 avolja kien hemm telf ta' €1,300 fl-aħħar quarter. Huwa kompla jgħid illi bejn l-ewwel disa' xhur il-Kunsill irċieva €426,000 mill-Gvern, flimkien mad-dħul ta' permessi u dħul ta' bye-laws.

3.3 Il-kunsillier Joe Galea staqsa jekk il-fondi fil-kont tagħna tal-UIF huma inkluzi. L-accountant qal illi dawn jaqaw taht *Receivables* u hemm ammont ta' 690,000 mill-UIF li l-Kunsill jista jagħmel użu tagħhom.

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa x'inhuma l-*commitments* peress illi hemm ammont ta' €39,000. L-accoutants qalu li hemm pagamenti dovuti għas-self tal-premises tal-Kunsill, kif ukoll għax-xogħolijiet li saru taht l-iskema tal-PPP.

3.5 Il-kunsillier Wayne Hewitt staqsa dwar il-possibilita li nkunu nafu kemm il-Kunsill jista jonfoq sal-aħħar tas-sena biex inkunu breakeven. Peress illi wieħed ma jistax jikkalkula id-dħul illi se jkun hemm via permessi/bye-laws dan mhux possibli. Il-Kunsill għandu jdaħħal l-aħħar tranch [ta' €126,000] mill-Gvern izda d-dħul extra ma jistax ikun ikkalkulat.

3.6 Is-sur Pace qal illi hemm cash-flow ta' €380,729.

**Fis-6.45 il-kunsilliera rringrazzjaw lis-sur Pace u lis-sur Bonello għax-xogħol tagħhom u t-tnejn li huma ħarġu mill-kamra tas-Seduti.**

## 4. Punti mill-Minuti

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma jixtieqx juża l-iskuza li għadu dieħel izda, b'referenza għall-punt nru. 5.3 qal illi kien hemm bzonn illi ssiru xogħolijiet oħra u l-eżerċizzju rigward permessi se jsir fil-ġimgħat illi ġejjin.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qara Art 5.8 [Un/Loading Bays] mill-*Guidelines for the Implementation of Traffic Management and Safety Measures and Temporary Diversions of Traffic [August 2011]* fejn hemm miktub illi dawn il-bays huma applikabbli biss għall-ħwienet tal-'white goods', dawk tal-għamara u dawk tal-'heavy plant machinery'. Żied illi dawn il-bays għandhom jintuzaw biss għal erba' sigħat filgħodu u erba'sigħat wara nofsinhar u rrid ikun hemm sitt ħwienet fejn xulxin.
Is-Sindku qal illi għandna nistippullaw il-ħinijiet u jixtieq illi ssir l-istess ftehim biex ikun hemm stands tal-ħaxix fejn wieħed jista jbiegħ barra l-ħanut tiegħu. Il-kunsilliera qablu mal-proposta.
Il-kunsilliera ġibdu l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv illi hemm ammont ta' RESERVED parkings mhux awtorizati f'triq Ponsomby u Fleet Str. Is-Sindku qal illi hu kien diġa talab lil TM għal lista tar-RESERVED awtorizzati. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jerġa jibgħat lil TM biex jagħtuni lista updated.

4.3 Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi qatt ma rċieva l-ispecs tal-kuntratti [ref punt 5.1]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fl-Aġenda nru 9 se jiġu diskussi t-tenders eżiztenti.

4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħadem fuq it-tender għax-xiri ta' van tal-Kunsill [ref punt 5.4] izda għandu jirċievi l-ispecs mill-ħaddiema tal-CWS li se juzaw il-vettura.

4.5 Il-kunsillier Neville Chetcuti ġibed l-attenzjoni tas-Sindku li hu kien ħa ritratti tal-istands [MaltaNow] bir-riklami fuqhom [ref punt 6.1]. Dan qal illi mill-aħħar laqgħa s-sid neħħa r-riklami kollha, kif ukoll dawk illi juru li wieħed jista jirriklama fuqhom. Is-Sindku qal illi din il-persuna qatt ma kellu permess biex tirriklama jew biex jieħu l-flus minn dawn l-istands li kienu qegħdin fuq propjeta pubbliku. Il-Kunsill għandu jara jekk dan kellux applikazzjoni mal-MEPA. Fuq dan il-punt is-sur Chetcuti qal illi hemm stands oħra wkoll fejn il-Milano Due. Il-Kunsill għandu jara jekk ħarġux permess. Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi ma jaqbilx mal-alteġġjament li uża dan ir-raġel fil-konfront tar-rappreżentanti tal-Kunsill u qal illi fil-fehma tiegħu xorta waħda għandna nieħdu azzjoni legali kontra dan l-individwu.

4.6 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li kellhom laqgħa [ref punt 8.6] flimkien mal-Ministru l-Onor. Joe Mizzi, mas-sur James Piscopo u s-sinjura Audrey Testaferrata DeNoto u dawn qalu li skond ir-regolamenti hemm wisq dwal ta' traffikku viċin xulxin. Rigward sigurta [kif ukoll sistema ta' one ways illi ressaq quddiemhom is-Sindku waqt il-laqgħa] is-Segretarju Eżekeuttiv qal illi kellhom laqgħa nhar il-Ġimgħa izda għadu qed jistenna update fuqhom.

4.7 Il-kunsillier Jeremy Cardona qal illi xi ħadd xtara l-propjeta fejn hemm il-ħajt imwaqqa [ref punt 8.7]. Dan il-persuna għandu jassigura li m'hemmx perikli għall-pubbliku.

4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sid tad-dar ta' triq Nazju Ellul beda jieħu ħsieb ix-xogħol mas-siġra [ref punt 8.8]. Is-sur Joseph Galea qal illi hemm siġra li għanda bzonn zabra fl-iskola wkoll. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi jaf biha u se jinforma lis-surmast.

**Fis-7pm il-Kunsill ħa brejk ta' għaxar Minuti. Waqt il-brejk is-sur Neville Chetcuti qal illi hemm persuna li qed jagħmel ħafna ħsara fil-ġnien [Ġnien il-Kunsill t'Ewropa] u qed iddejjaq lin-nies. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien bagħat rapport lill-pulizija [kif ukoll reminder]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll illi wara li l-Kunsill ħa deċiżjoni fil-laqgħa preċedenti li se jieħu ħsieb il-bus shelter 'Vilhena', bagħat lit-TM fejn huma qalu li dalwaqt se jkun hemm tender ġdid izda bil-backlog ilil għandhom mhux se jagħmlu x-xogħol illi għandna bzonn qabel is-sajf illi ġej. Qal illi jekk il-Kunsill Lokali se jieħu ħsieb ix-xogħol għandna nieħdu ħsieb illi ssir skond l-ispecs ta' TM. Dan kollu ntqal quddiem quorum avolja tlett kunsilliera kienu ħarġu mill-kamra waqt il-brejk.**

**Fis-7.10 tkompliet il-laqgħa.**

**5. Korrespondenza**

5.1 Ma kien hemm l-ebda korrespondenza minn naħa tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv

## 6. Approvazzjoni ta' pagamenti u xiri ieħor

6.1 Il-kunsillier Jeremy Cardona staqsa dwar il-pagament ta' Lawrence Mallia peress illi dan suppost jaħdem erba' sigħat kuljum. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-invoice hu skond l-ammont ta' sigħat illi ħadem. Qal bħala specs fuq kuntratt għandu jagħti informazzjoni taħt punt 9 tal-Aġenda. Qal ukoll illi fl-Expression of Interest imkien m'hemm miktub l-ammont ta' sigħat li għandu jaħdem il-kuntrattur.

6.2 Il-Kunsill approva l-PAS.

## 7. Bike Stands

7.1 Is-Sindku qal illi hemm kuntrattur [NextBike] illi jixtieq jagħmel stands madwar ir-raħal biex jitħallew roti li wieħed jista juża fil-kumdita tiegħu u jħallas għall-kirja skond kemm idum biex jħalli l-bike ġo stands li se jkun hemm madwar Malta. Is-Sindku qal illi l-Gżirjani se jkollhom discount. Dawn talbu li l-istands isiru max-Xatt, fejn il-Blue Sisters u fejn l-Empire Stadium. Il-Kunsill qabel mal-proposta bil-kundizzjoni li dawn għandhom il-permessi u li jħallu bizzejjed spazju għall-pushchairs/wheelchairs.

7.2 Fuq dan il-punt is-sur Joseph Galea għamel talba biex isiru izjed MotorCycle bays [MC bays] madwar il-belt. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-Sindku kien diġa tkellem miegħu biex isuru surveys tat-toroq u fost ix-xogħolijiet li għandna naraw, naraw fejn se jsiru dawn il-MC bays.

## 8. Addendum of provisions

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċevejna talba biex issir passageway taħt l-iscaffolding/Tower Crane fejn il-hotel Milano Duo. Il-kunsilliera ma qablux illi t-triq maġenb il-hotel tkun magħluqa minn filgħodu sa filgħaxija, avolja huma għamlu talba biex issir Site hoardings [bit-tunnel] max-Xatt.

8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi li rċevejna talba biex isiru *Temporary Kerb, Tower Crane* u *Proposed Temporary Hoarding* f'triq Luqa Briffa c/w triq Ġerry Zammit. Il-Kunsill ma qabilx peress illi t-triq hija dejqa wisq anka issa mingħajr dawn il-proposti.

**Il-kunsillier Joe Galea ħareġ mill-kamra tas-seduti fit-7.40pm. Daħal lura ftit minuti wara waqt li kien qed jiġi diskuss punt nru. 9.**

## 9. Bye-laws

9.1 Is-Sindku fakkar lill-Kunsill illi kien hemm diskors dwar bye-law rigward il-konsum tal-alkohol. Il-kunsillier Wayne Hewitt qal illi hemm problema kbira fil-Housing Estate peress illi hemm bar f'area residenzjali. Is-Sindku qal illi hu kien iltaqa mas-sid tal-bar u dan għandu l-permessi neċċessarji. Is-Sindku ppropona li dan isir restaurant biex, skond il-liġi, ikollu jagħlaq fil-11pm. Il-Kunsill qabel illi nsibu soluzzjoni radikali. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi talab aktar informazzjoni mid-Dipartiment tal-Kummerċ fejn dawn qalu li permessi joħorġu sal-11pm u wara li ssir talba dawn jiġu eżistenti sas-1am jew sal-4am izda wara l-11pm il-mużika għanda tkun ikontrollata biex ħadd ma jisma l-istorbju barra l-istabbilment.
Is-Sindku qal illi diġa prova jagħmel li seta u hemm bzonn illi nwaqqfu n-nies milli joqogħdu barra l-bar u li jagħtu fastidji għar-residenti.
Il-Kunsill qabel unaniment mal-proposta tal-Bye law fejn il-Kunsill qed jipprojbixxi l-konsum tal-alkohol barra fit-triq madwar il-belt, kif ukoll l-użu tal-kontenituri tal-ħġieġ fil-pubbliku.

## 10. Tenders

10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta update rigward it-tenders eżiztenti tal-Kunsill. Qal illi barra dawn imsemmin hawn isfel għandu jara tenders oħra. Sfortunatament kien hemm ammont ta' tenders illi għandhom joħorġu mill-ġdid. Hu ta informazzjoni fuq dawn it-tenders

1. Soft Areas: L-aħħar kuntratt ġie ffirmat fl-1 ta' Marzu 2013. Kuntratti joħorġu għal perjodu ta' tlett snin u jiġu estendi għal sena extra bl-approvazzjoni tal-Kunsill. B'hekk il-Kunsill kellu jieħu deċiżjoni qabel Marzu 2016 biex il-kuntratt ikun estiż għal sena. Hu ressaq talba biex jiġi estiż sa Frar 2017. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma jfissirx illi b'hekk inkunu in-line mal-liġi izda jekk possibli noħorġu tender ġdid fil-bidu tas-sena d-dieħla hekk. Hu għandu jara mad-DLG.
2. Street Sweeping: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ra li ma kienx hemm tender għal dan is-servizz u talab lill-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jibgħat il-komunikazzjoni li sar meta ttieħed id-deċiżjoni li l-Cleansing Department jagħtu servizz. L-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv bagħat il-korrespondenza li kellu mad-DLG fejn huma approvaw li l-Kunsill joħroġ Direct Order bil-patt u kundizzjoni li jaħdmu fuq tender malajr. Peress illi ma sarx xogħol fuq dan it-tender hemm bzonn illi nibdew issa għax qegħdin naħdmu kontra l-liġi. Is-Sindku qal illi hu qed jitkellem mal-Kunsilli madwarna peress illi hemm il-ħsieb illi ningħaqdu flimkien u bħala Kumitat ta' postijiet turistiċi nużaw is-servizz tal-Cleansing Department. Bħala economies of scale u bħala servizz huma l-aħjar soluzzjoni. Il-kunsillier is-sur Joseph Galea ilmenta li xi drabi l-kennies mhux qed jaħdmu bil-karretta u b'hekk jagħmlu xogħol ineffettiv. Is-Sindku qal illi kull wieħed għandu karretta. Il-kunsillier Joe Galea qal ukoll illi xi drabi ma jgħaddux minn ċertu toroq. Is-Sindku qal illi huma qegħdin jaħdmu skond l-iskeda tagħhom. Il-kunsilliera Graziella Schembri lmentat illi l-ħmieġ ta' madwar il-bus stop fejn il-kiosk qed jispiċċa fil-baħar u għamlet talba biex nieħdu ħsieb illi dan ma jsirx. Is-Sindku qal illi se nieħdu ħsieb.

3. Bulky Refuse: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minn 2007 s'issa ma kien hemm l-ebda tender għall-Bulky Refuse. Dan irid joħroġ mill-ġdid.
4. Skart Separat: Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba biex il-kuntratt jiġi eżtiz sal-aħħar tas-sena. Hu diġa ltaqa mal-kumpanija GreenPak u issa għandu jiltaqa mal-GreenMT. Spjega li għall-kuntratt tal-iskart separat, peress illi hemm kompetizzjoni bejn 2 kumpaniji biss għandna noħorġu Expression of Interest, niltaqaw mal-kumpaniji u nieħdu deċiżjoni wara li jibagħtu l-proposti tagħhom sad-deadline. Qal illi kien hemm kuntratt mal-GreenPak sat-30 ta' Settembru 2016.
5. Operations Manager: Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill ħareġ Expression of Interest u mhux tender għal dan is-servizz, avolja qegħdin nonfqu ammonti li jaqbzu t-threshold ta' tender. Qal illi fl-istess ħin ma sab l-ebda kuntratt ħlief l-EOI u l-ittra tal-aċċettazzjoni. Il-kunsilliera qablu li noħorġu tender ġdid
6. Handyman: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm l-istess problema bħal dak tal-Operations Manager izda f'dan il-każ hemm kuntratt, u skond dan il-kuntratt il-Kunsill irid iħallas €21.24/man hour minn issa u mhux €18/man hour. Dan għaliex il-kuntrattur ma kienx qed jitħallas il-VAT. Il-Kunsill qabel illi noħorġu tender mill-ġdid.
7. Accountant: Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-accountants ukoll ħadu kuntratt b'EOI. Qal illi hemm bzonn tender.
8. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm kuntratti oħra li għadu rrid jara. Qal ukoll illi mhux possibli li nirranġaw il-problemi tat-tenders kollha fl-istess ħin izda huma neċessarji. Qal illi rrid jaħdem fuq dawk illi għandhom prijorita l-ewwel fejn dawk illi ħarġu bħala EOI's huma inqas importanti mis-servizzi l-oħra.

## 11. Ħwejjeġ Oħra

11.1 Is-Sindku qal illi jixtieq illi ssiru tabelli madwar il-lokalita li jindikaw illi minn jipparkja faċċatta ta' garaxx għandu jipparkja hemm biss jekk se jkun x'imkien viċin u jħalli n-nos tal-mobajl tagħhom biex is-sid tal-garaxx ikun jista jċempel. Qal illi b'hekk nevitaw il-problema ta' parking li hemm. Il-kunsillier Joe Galea qal illi l-uniku problema li jara huwa jekk ikun hemm nies illi joqogħdu jieħdu n-numri tal-mobajl li jkun hemm miktub fuq id-dashboard u jċemplu lis-sid tal-karrozza għal xejn.

**Il-kunsilliera qablu li l-laqgħa tispiċċa fit-8.30pm avolja ma semmewx il-punti tagħhom [materji oħra] waqt il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv talab illi jibagħtu l-punti tagħhom qabel illi l-laqgħa li jmiss ħalli x-xogħol issir xorta waħda.**

## 12. Laqgħa li jmiss

12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm wara qbil unanima.

12.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir nhar it-Tlieta 1 ta'Novembru 2016 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Anthony Attard** | **Conrad Borg Manche** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |